**28 ta' Frar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Arthur Stewart Mortimer, A. & C.E. ne.

*versus*

Onor Nutar Giorgio Borg Olivier ne. et.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha *Privat — Soprassessjoni.***

*Meta l-Qorti tal-Appell tkun ikkonċediet lil xi waħda mill-partijiet il-permess li tappella lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina minn sentenza li tkun ipprovdiet fuq waħda mid-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni, l-istess Qorti hi awtorizzata li tordna s-soprassessjoni fuq id-domandi l-oħra li jkun fadal u li jkunu dipendenti minnha, jekk jidhrilha li din is-soprassessjoni tkun spedjenti, mingħajr preġudizzju tal-parti l-oħra.*

Il-Qorti:— Wara li semgħet lil Dottor Giuseppe Pace u l-Avukat Dr. Michele Tufigno;

Wara li rat is-sentenza preċedenti tagħha u l-atti l-oħra kollha;

Billi f'din il-kawża, fuq il-kap deċiż, gie mogħti l-permess għall-appell fil-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u l-proċediment għal dan l-appell għadu pendenti;

Billi f'dak il-kap kienet ġiet milqugħa l-ewwel talba tal-attur nomine, li kienet tirrigwarda d-dikjarazzjoni tal-proprjetà esklużiva tal-"mains" imsemmija fit-taħrika;

Billi d-domandi li baqa' jiġu provvduti minn din il-Qorti jiddependu għal kollox mill-ewwel domanda, u għal-

Dan l-appell quddiem il-Privy Council ma ġiex prosegwit u l-kawża ġiet transatta fuq id-domandi li dwarhom saret is-soprassessjoni fis-16 ta' Jannar 1959.

hekk hu l-każ li l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-espedjenza li tissoprassjedi għal dawk id-domandi li fadal; inkwantokkè li, jekk is-sentenza ta' din il-Qorti fuq l-ewwel kap tiġi revokata jew sostanzjalment varjata mit-Tribunal Suprem, id-deċiżjoni tat-Tribunal Suprem bilfors ikollha effett sostanzjali fuq il-meritu tad-domandi li fadal jiġu provvduti minn din il-Qorti, u jkunu saru spejjeż u xogħol inutili, kif ukoll telf ta' żmien bla bżonn;

Peress li f'każi bħal dan il-Qorti hi awtorizzata milliġi li tissoprassjedi, kif jista' jiġi argumentat mill-art. 964 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, b'argument analoġiku u skond il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati;

U peress li bis-soprassessjoni l-attur ma jistax ikollu preġudizzju, in kwantu li, jekk is-sentenza ta' din il-Qorti tiġi revokata, hu ma jkun tilef xejn, u fil-każ li tiġi konfermata ma jistax isofri ħsara, għaliex il-kumpens minnu pretiż fit-tielet talba tiegħu jestendi ruħu sal-jum tassentenza; u din ma tistax tiftiehem xort'oħra ħlief is-sentenza definitiva, u għalhekk wara s-sentenza tal-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, għax tkun dik li tikkostitwixxi s-sentenza definitiva;

Għalhekk;

Tordna s-soprassessjoni f'din il-kawża fuq il-kapi mhux ġa' deċiżi sakemm jiġi pprovvdut l-appell fil-Privy Council; salv li fil-każ li dak l-appell ma jiġix prosegwit, din il-Qorti, fuq talba ta' min għandu nteressa, jew, skond il-każ, "ex officio", tordna r-rijappuntament tal-kawża biex tittkompla fil-meritu;

Il-kawża tibqa' "sine die";

Spejjeż riżervati.